# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Seduta tal-lum, l-Erbgħa 25 ta' Settembru, 2024**

**Referenza Kostituzzjonali nru. 58/2021**

**Numru:4**

**Il-Pulizija**

**Vs.**

**Elmassri Shukri Abd Ghani**

Il-Qorti.

Rat ir-referenza mibgħuta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja datata 08 ta' Frar, 2021 fejn dik il-Qorti f'digriet erudit qalet dan:

*"Illi tenut kont ta' dawn il-prinċipji, tenut kont tal-fatt li dawn il-proċeduri, li ilhom li bdew mis-sena 2015, ilhom weqfin għal aktar minn tlett snin u ma jidhirx li hemm xi ħjiel meta ser ikun possibbli għal Dylan Difesa li jitressaq bħala xhud biex il-prosekuzzjoni tkun tista' tagħlaq il-provi tagħha u l-Avukat Ġenerali jkun jista' jipproċedi billi jew joħroġ l-Att ta' Akkuża jew billi jibgħat*

*lill-imputat biex jiġi ġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ai termini ta' l-artikolu 370(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ma tqies it-tqanqil tal-kwistjoni bħala waħda frivola jew vessatorja.*

***Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talba ta' l-imputat u tirreferi dan il-każ lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) biex dik il-Qorti tiddetermina jekk il-fatt illi l-proċeduri odjerni qed jitwalu, minħabba li x-xhud Dylan Difesa ma jistax jiġi inġunt bħala xhud tal-prosekuzzjoni stante proċeduri penali pendenti fil-konfront tiegħu, u konsegwentement l-Avukat Ġenerali ma jistax joħroġ l-Att ta' Akkuża jew jibgħat lill-imputat biex jiġi ġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ai termini ta' l-artikolu 370(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'mod li l-proċeduri odjerni ma jistgħux jitkomplew, jilledix id-dritt fondamentali tiegħu għal smiegħ xieraq a tenur tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem"***

Jiġi preċiżat dak emfasizzat bit-tipa grassa huwa d-domanda li bagħtet il-Qorti Istruttorja biex din il-Qorti twieġeb għal kweżit impost.

Da parti tiegħu l-Avukat Ġenerali *inter alia* wieġeb[1] illi hu ma kienx il-leġittimu kontradittur li jwieġeb għal din ir-referenza. Ukoll li din ir-referenza okkorriet n vista tad-dewmien fil-kawża li kien biss imputabbli għal fatt lil prosekuzzjoni kellha bżonn xhud partikolari li ma setgħax jixhed fl-istadju mitlub. Dan skontu ma kienx jaqa' fl-ambitu ta' dak mifhum bi smiegħ xieraq fl-artikoli 39(1) tal-Kostituzzjoni u 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni.

[1] Risposta a folio 20

Rat ukoll in-noti ta' sottomissjonijiet preżentati mill-Avukat ta' Ġenerali. Rat li l-akkużat fil-kawża kriminali, Elmassri Shukri Abd Ghani, mogħti diversi opportunitajiet, naqas li jottempera ruħu ma din l-opportunita' mogħtija.

Rat l-atti kollha, b'mod partikolari l-atti tal-kumpilazzjoni li xprunat din ir-referenza.[2]

Semgħet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat

Senjatament rat ukoll ir-rikors ta' l-Avukat Ġenerali[3] li bih *inter alia* informa lil Qorti li fil-fatt il-kawża kontra Dylan Difesa issa kienet tinstab determinata, lis-sentenza fil-konfront tiegħu għaddiet in ġudikat biex b'hekk seta' faċilment jixhed kontra Elmassri Shukri u ma kien hemm ebda impediment biex il-proċeduri kriminali jitkomplew.

[2] Kumpilazzjoni numru. 865/2015
[3] Folio 60 datat 8 ta' Frar, 2025.

In vista ta' dan ttella' jixhed ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali. **Stefania Calafato Testa**[4] xehdet illi li kienet qedgħda tippresenta sentenza li għaddiet in ġudikat mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Dylan Difesa.[5] Din is-sentenza kienet datata 4 ta' Diċembru, 2023.

Fil-kors tas-smiegħ ta' din ir-referenza xehed ukoll l-**Ispettur Rennie Stivala,** għalhekk l-Uffiċjal Prosekutur fil-kawża kriminali kontra El Massri.[6] Qal li kienet kawża li kienet tirrigwarda ammont ta' nies li kienu qed joħorġu karti ta' residenza lill persuni barranin, dokumenti falsifikati. Jgħid li Shukri kien wieħed mill-persuni li rriżulta fl-investigazzjoni. Jgħid li kien Difesa li kien iwassal lil Shukri għal dan l-iskop u lil kawża ta' Difesa kienet qed tistenna kawża ta' ko- akkużat ieħor tgħaddi in ġudikat biex jixhed ukoll fil-konfront tiegħu.

In kontro eżami jixhed, li f'dak iż-żmien il-kawża ta' Difesa kienet għadha fi stadju ta' provi tal-prosekuzzjoni, ukoll li kienu ħarġu tmien akkużi separati però relatati.

In vista ta' tali xhieda l-Avukat Ġenerali, fl-aħħar nota ta' sottomissjonijiet tiegħu ssottolinea illi ġaladarba llum Dylan Difesa seta' jitla' jixhed, b'dan li allura il-

[4] Folio 72
[5] Dok SCT folio 73.
[6] Folio 29

proċeduri kontra El Massri setgħu jitkomplew biex b'hekk l-Avukat Ġenerali seta' jew joħroġ l-Att ta' Akkuża jew jibgħat l-artikoli lil Qorti tal-Maġistrati, din il-Qorti bħala waħda riċeventi tar-referenza, ma kellha xejn aktar għalxiex tirrispondi ġaladarba ma kienx qed jissussisti ebda ksur jew lezzjoni ta' dritt fundamentali.

Ikkunsidrat.

Fl-ewwel lok qabel ma l-Qorti tgħaddi biex teżamina l-mertu ta' din ir-referenza per se, tqies li għandha tissorvola l-eċċezzjoni mressqa mill-Avukat Ġenerali li hu ma hux il-leġittimu kontradittur biex jirrispondi għaliha.

Forsi l-Avukat Ġenerali tfixkel ir-rwol tiegħu f'dawn il-proċeduri. Hija l-liġi per se li kienet titlob in-notifika tiegħu sewwa sew fir-Regolament 5(3) Tal-Liġi Sussisdjara 12.09.

> *"3) Il-qorti li lilha l-kwistjoni tkun riferita għandha, meta tiġi hekk riferita, tqiegħed il-kawża għas-smigħ f'data viċina, f'ebda każ aktar tard minn tmint ijiem tax-xogħol mid-data li fiha l-inkartament ikun inġieb quddiemha u għandha tara illi avviż dwar dik id-data jiġi mogħti lill-partijiet u lill-Avukat Ġenerali"*

Huwa ovvju li l-avviż tas-smiegħ tal-kawża mhux meħtieġ li jiġi notifikat għalxejn, imma biss għaliex hija mistennija u mitluba l-parteċipazzjoni tal-partijiet imsemmija għax għandhom l-interess meħtieġ għal dan l-iskop.

Illi *a prexxindere* mir-rwol li llum igawdi l-Avukat ta' l-Istat f'kawżi Kostituzzjonali u Konvenzjonali, tqies ukoll illi la jistrieħ fuq l-Avukat Ġenerali bħala l-prosekutur prinċipali ta' l-Istat li barra li jmexxi l-prosekuzzjoni jagħżel hu joħrogx l-Artikoli jew l-Att ta' Akkuża, li allura żgur hu monit bl-interess meħtieg biex jipparteċipa, għax hu mhux se jwieġeb għaliha, f'din ir-referenza tenut kont li sa kemm saret kien hu li baqa' jitlob f'kull rinviju x-xhud Dylan Difesa.

**Konsegwentement din l-eċċezzjoni verament m'għandhiex mis-sewwa.**

Ikkunsidrat ulterjorment.

Illi bla tlaqliq jingħad illi llum b'dak li rriżulta fil-progress tal-kawża ta' Dylan Difesa, ma jistax jingħad li qed jissussisti aktar ksur, jekk dan kien il-każ

Illi dan iġibna għal dak li qal l-Avukat Ġenerali fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu u ċioe' l-fatt lil Qorti riċeventi hija marbuta b'mod strett mal-linji tar-referenza.

Dan hu ben stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna ta' indolu Kostituzzjonali u Konvenzjonali fejn jirrigwarda t-termini li l-Qrati huma marbuta magħhom meta ikunu qed jitrattaw ma referenza Kostituzzjonali/Konvenzjonali.

Insibu għalhekk li ngħad dan:

- Referenza Kostituzzjonali Numru. 54/2007 JRM **IL-PULIZIJA (Spettur David Saliba) vs John AQUILINA u Marianna Aquilina.**[7]

*"Illi l-Qorti tibda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ billi jingħad qabel kull ħaġa oħra li din il-Qorti hija marbuta li tqis il-kwestjoni kostituzzjonali skond il-parametri tar-riferenza magħmula lilha. Billi l-kwestjoni tkun inqalgħet quddiem Qorti li mhix il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, u billi l-proċediment ma jkunx tressaq quddiem din il-Qorti direttament minn min jallega l-ksur tal-jedd fondamentali partikolari, din il-Qorti jkollha tqis fedelment il-kwestjoni fil-mod u t-termini mgħoddijin lilha mill-Qorti li tkun għamlet ir-riferenza*[8] *u jekk tonqos li tagħmel dan jew titbiegħed milli tqis dak lilha riferut, tkun qegħda tiddeċiedi extra petita*[9]*. Għalhekk il-liġi*[10] *trid ukoll li riferenza tkun magħmula b'mod li l-ordni jkun fih b'mod konċiż u ċar il-fatti li jagħtu lok għallkwestjoni*[11]*, preferibilment bit-tismija tal-artikolu talKostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni li dwaru titqanqal dik il-kwestjoni;*

[7] Deċiża P.A.Sede Kost. 23/7/2007.
[8] Kost. 31.7.2000 fil-kawża fl-ismijiet Bedingfield vs Kummissarju tal-Pulizija et (Kollez. Vol: LXXXIV.i.232) a fol. 243.
[9] Kost. 30.11.2001 fil-kawża fl-ismijiet Galea et vs Briffa et (Kollez. Vol: LXXXV.i.540) a fol. 554-5
[10] Reg. 5(1) tal-A.L. 35 tal-1993
[11] P.A. Kost 2.12.1987 fil-kawża fl-ismijiet Sammut et vs Bartolo et (Kollez. Vol: LXXI.iii.727)

*Illi hawnhekk jidher xieraq li jingħad li hemm differenza mhux traskurabbli bejn is-setgħat ta' din il-Qorti meta tkun imsejħa tiddeċiedi kwestjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali direttament u meta, bħal f'dan il-każ, tkun saritilha riferenza minn Qorti oħra dwar kwestjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali li tkun tqanqlet quddiemha. Huwa meqjus li ż-żewġ għamliet ta' proċeduri huma "paralleli"*[12] *għal xulxin: dan ifisser li m'humiex l-istess għaliex dak li huwa parallel għal xi ħaġa ma jsir qatt biċċa minnha. Din id-differenza tidher minn kliem il-liġi nfisha;*

*Illi l-akbar differenza hija fil-fatt li l-proċedura diretta hija dritt u għażla tal-persuna li tkun qegħda tilmenta minn ksur ta' xi dritt fondamentali tagħha; filwaqt li r-riferenza m'hijiex dritt tal-parti*[13] *imma hija obbligu tal-Qorti li quddiemha jitqanqal il-punt kostituzzjonali jew konvenzjonali, sakemm dik il-Qorti ma tqisx li t-tqanqil tal-kwestjoni kien wieħed biss fieragħ jew biex idejjaq. Għalhekk, filwaqt li fit-twettiq tas-setgħat tagħha taħt lartikolu 46(1) u (2) tal-Kostituzzjoni (u/jew l-artikolu 4(1) u (2) tal-Kapitolu 319) din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni oriġinali b'setgħat wesgħin dwar ir-rimedji li tista' tagħti, fit-twettiq tas-setgħat tagħha taħt l-artikolu 46(3) (u/jew lartikolu 4(3) tal-Kap 319) din il-Qorti trid tagħti d-deċiżjoni fuq il-kwestjoni mibgħuta quddiemha, iżda hija l-Qorti li tkun bagħtet ir-riferenza lil din il-Qorti li għandha tiddisponi mill-kwestjoni oriġinali li matulha jkun tqanqal il-punt kostituzzjonali jew konvenzjonali*[14]*. Huwa minħabba f'hekk ukoll li r-riferenza "kostituzzjonali" m'hijiex xi proċess ġdid iżda huwa proċess bi stħarriġ speċifiku (ta'xi lment ta' ksur attwali jew maħsub ta' jedd fundamentali) minn qorti b'kompetenza partikolari, fl-ambitu tal-proċess li minn ħdanu ssir riferenza bħal dik. B'mod li jekk kemm-il darba, għal xi raġuni, l-proċess riferenti jieqaf jew jintemm, hekk ukoll tieqaf u tintemm il-fażi tar-riferenza*[15]*;*

*Illi dawn il-konsiderazzjonijiet saru għaliex din il-Qorti trid tagħmilha ċara li s-sejbien ta' xi ksur ta' dritt fondamentali fit-termini tar-riferenza magħmula lilha ma jagħtihiex il-jedd li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kawża li matulha jkun qam l-episodju li jwassal għall-istess riferenza. B'mod partikolari, għalhekk, lanqas ma jkun fis-setgħa ta' din il-Qorti li tagħti rimedju li jiddetermina l-eżitu tal-kwestjoni li jikkompeti biss u esklussivament lill-Qorti li tkun għamlet ir-riferenza;"*

[12] Kost. 21.7.1989 fil-kawża fl-ismijiet Coreschi vs Kummissarju tal-Pulizija et (Kollez. Vol: LXXIII.i.95)
[13] Kost. 19.2.2008 fil-kawża fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Joseph Attard et
[14] Kost. 20.3.2000 fil-kawża fl-ismijiet Blundell et vs Direttur tas-Sigurta' Soċjali (Kollez. Vol: LXXXIV.i.1)
[15] Kost. 18.10.2006 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Nicholas Gatt et

•**Il-Pulizija (Spettur Ivan Cilia, Spettur Anna Maria Micallef) v. Vincent Etienne Vella**[16] (Rikors 55/2019 Q.Kost.)

*"7. F'proċeduri ta' din ix-xorta l-kompitu tal-Qorti Ċivili hu li twieġeb għad-domanda li tkun saritilha mill-Qorti li ordnat ir-referenza ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u/jew tal-artikolu 4(3) tal-Kap. 319. Imbagħad il-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skond id-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. F'din il-proċedura speċjali, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma tagħtix rimedji iżda twieġeb għad-domanda dwar jekk hemmx ksur ta' drittijiet fundamentali li dwarhom ikun hemm il-kwistjoni."*

•Ukoll in tematika dwar il-mertu tar-referenza d-deċiżjoni fl-ismijiet Il-Pulizija **(Spettur Kevin Pulis) v. Robert Agius.**[17]

*"16. Din il-Qorti ma tistax ukoll ma taqbilx mal-intimat li t-termini tar-referenza magħmula mill-Qorti tal-Magistrati ma jitolbux ghal rimedju. Din il-Qorti, diversi drabi, kellha l-opportunita` li tesprimi ruhha dwar il-funzjoni tal-ewwel Qorti meta ssir referenza kostituzzjonali lilha minn qorti ohra.*

*In linea generali din il-Qorti tissenjala li l-funzjoni ta' dik il-Qorti hi li tirrispondi ghad-domandi maghmula minnha mill-qorti referenti, u l-parametri huma dawk stabbiliti mir-referenza stess*[18] *u mhux necessarjament li taghti rimedju, multo magis fil-kaz odjern fejn skont ittermini tar-referenza intalab biss "il-gudizzju" taghha u ma ntalab l-ebda rimedju. Min-naha l-ohra pero` gurisprudenza ricenzjuri hi fis-sens li ghalkemm:*

*<"…..f'talba għal riferenza l-kompitu ta' qorti munita b'ġurisdizzjoni kostituzzjonali huwa biss biex twieġeb id-domanda magħmula mill-qorti riferenti, iżda dan ma jfissirx li din il-Qorti ma tistax tagħmel kull osservazzjoni oħra li jidhrilha relevanti għal risposta sħiħa għaddomanda magħmula."*[19]

[16] 6 ta' Ottubru, 2020.
[17] 29 ta' Marzu 2019 Numru 14 Rikors numru 93/17 JPG Qorti Kost.

[18] Ibid. (ara ukoll Q.Kost. 67/2011 para. 18 **The Police vs Nelson Arias** , 28 ta' Settembru, 2012 fejn hemm ukoll rilevanti s-sentenżi ċitati>
[19] Q.Kos. 21/2016 Il-Pulizija v. Philip Borg,13 Frar 2017 – Sottolinear ta' din il-Qorti

*"17 .... Meta jkun hemm kwistjoni ta' natura kostituzzjonali li tingieb quddiem l-qorti b kompetenza kostituzzjonali, dik il-qorti kemm jekk tkun il-Qorti Kostituzzjonali u kemm jekk tkun il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, ghandha s-setgha mhux biss li tghid hemmx jew x'aktarx ikun hemm, ksur tal-jedd fondamentali izda wkoll li taghti dawk ir-rimedji jew provvedimenti ohra li jidhrilha xierqa fic-cirksotanzi sabiex jew taghti rimedju ghal dak il-ksur jekk ikun ga' sehh jew inkella sabiex dak il-ksur jigi evitat..... l-Art.46[2] ....".>*

*17. F' kaz aktar ricenti u li l-fatti huma simili hafna ghal kaz*[20] *odjern, fejn il-proceduri kriminali waqqfu minhabba n-nuqqas ta' xhud li tixhed, din ilQorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:*

*"29……… ghandu jkun manifest li jekk l-prosekuzzjoni tibqa' tonqos milli taghlaq mill-aktar fis il-provi taghha l-lezjoni tkompli tissokta, u allura kien id-dmir ta' dik il-Qorti li fid-decide taghha tissenjala li jekk dan jithalla jsir mill-Qorti tal-Magistrati l-lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent protett mill-artikoli precitati ser tissokta.*

*"28. Sahansitra fis-sentenza Malcolm Said v. Avukat Ġenerali mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016, citata fis-sentenza fuq imsemmija, din ilqorti rribadiet il-principju li:*

*"… … … din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura…"*

*"29. Ghaldaqstant din il-Qorti tikkunsidra legalment insostenibbli l-argument tal-appellant li l-ewwel Qorti marret extra petita meta, wara li rriskontrat il-lezjoni, issenjalat li sabiex titwaqqaf dik il-lezjoni, ir-rimedju indikat minn dik il-Qorti huwa konsegwenza logika u necessarja sabiex titwaqqaf il-lezjoni riskontrata."*

*18. Fil-kaz odjern, ikkonsidrat fid-dawl tal-principji guridici fuq esposti, din il-Qorti ma taqbilx mal-intimat appellat li l-ewwel Qorti marret extra petita meta osservat li l-lezjoni tad-dritt fundamentali ghal smigh xieraq tar-rikorrent ser tibqa' t-tul fiz-zmien jekk ma jittiehdux provvedimenti mirati ghat-twaqqif ta' dik il-lezjoni. L-ewwel Qorti kellha d-dmir li taghmel dawk l-osservazzjonijiet u anke taghti rimedji opportuni sabiex il-lezjoni riskontrata ma tibqax fis-sehh.*

---

[20]9 Q.Kos. Il-Pulizija v. Silvio Zammit, deciza fit-13/07/2018. F' dan il-kaz l-ewwel Qorti iddecidiet li "ilksur ser jibqa' jissussiti sakemm il-prosekuzzjoni tagħmel dak kollu li għandha tagħmel sabiex jew tottjeni d-deposizzjoni ta' Inge Delfosse mill-aktar fis possibli jew tagħlaq listadju tal-provi tagħha fl-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet Il-Pulizija vs Silvio Zammit."

*19. Ghaldaqstant l-aggravju tal-intimat mhuwiex gustifikat u qed jigi michud."*

Illi segwit dan l-insenjament ġurisprudenzjali huwa għalhekk ta' rilevanza l-fatt li llum l-impediment li kien hemm biex jiddeponi x-xhud Dylan Difesa ġie sew superat in kwantu kif rajna l-ġudizzju kontrih għadda in ġudikat.

Dan jibdel ix-xenarju kollu n vista ta' kif hi mfassla r-referenza mibgħuta. L-Qorti għall-aħjar faċilita' se terġa' tirriproduċiha-

***"Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talba ta' l-imputat u tirreferi dan il-kaz lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjinali) biex dik il-Qorti tiddetermina <u>jekk il-fatt illi l-proċeduri odjerni qed jitwalu, minħabba li x-xhud Dylan Difesa ma jistax jiġi ingunt bħala xhud tal-prosekuzzjoni stante proċeduri penali pendenti fil-konfront tiegħu, u konsegwentement l-Avukat Ġenerali ma jistax joħrog l-At ta' Akkuza jew jibgħat lill-imputat biex jiġi ġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ai termini ta' l-artikolu 370(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'mod li l-proċeduri odjerni ma jistgħux jitkomplew, jilledix id-dritt fondamentali tiegħu għal smiegħ xieraq a tenur tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem"</u> (sottolinear huwa enfasi tal-Qorti)."***

**Mela stabbiliti dawk it-termini, llum, la Difesa jista' jixhed din ir-referenza ġiet eżawrita. *Sic et simpliċitur.***

Segwiti d-dettami tal-ġurisprudenza ċitata, ir-referenza li kienet diretta għal fatt li Difesa vera dam snin biex ittella' jixhed minħabba lil kawża tiegħu, qua ġol-

akkużat, kienet għadha mhux res ġudikata, llum bil-konklużjoni tal-kawża kontrih, spiċċa u nqatel il-bżonn tagħha għaliex issa m'hemm xejn xi jżomm lil prosekuzzjoni milli tagħlaq il-provi tagħha bil-produzzjoni ta' dan ix-xhud.

Kienet tkun differenti s-sitwazzjoni għal din il-Qorti kieku Hi kienet qed titratta ma rikors kostituzzjonali/konvenzjonali tal-parti. Dan mhux il-każ. Hawn si tratta ta' riferenza u ssib li m'għandha xejn x'tirrispondi għaliex l-impediment li xpruna din ir-referenza llum ġie mneħħi.

**Konsegwentement il-Qorti qegħda tibgħat dawn l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti Istruttorja biex tissokta b'mod immedjat il-kumpilazzjoni kontra Shukri Abd Ghani El Massri.**

**Onor. Miriam Hayman**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep Reġ.**